**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Mario Azzopardi**
**Anthony Azzopardi**
**Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar**

**Seduta Distrett Valletta**

**Illum 9 ta' Novembru, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati **Mario Azzopardi** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 442770 (M), **Anthony Azzopardi** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 419957 (M) u **Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 66720 (A) billi huma akkuzati talli nhar is-17 ta' Awissu, 2016 u fil-jiem ta' qabel, fl-ibhra tas-sajd jew fuq il-bahar fil-Mediterran u gewwa port f'Malta, skond il-kaz:

1. Talli l-persuna li fil-mument kella l-kmand tal-bastiment, Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar, ma kienx awtorizzat taht id-dispozizzjonijiet rilevanti tal-ligi biex ikun kaptan ta' bastiment tas-sajd lokali, bi ksur tal-artikolu 12 tal-Kap. 425 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kif ukoll talli naqsu milli jottemporaw ghall-obbligi taghhom taht ir-regolament 3(ċ) tal-L.S. 425.07 u dana fir-rigward ta' nuqqas illi josservaw ir-rekwizit illi l-liċenza li inhareget tinzamm fuq il-bastiment tas-sajd f'kull hin;

Lil Mario Azzopardi u Anthony Azzopardi wahedhom talli;

3. Naqsu milli jottemporaw ghall-obbligi taghhom taht l-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 404/2011 u dana fir-rigward ta' nuqqasijiet fl-immarkar tal-bastiment tas-sajd mehtiega bl-istess dispozizzjoni, bi ksur tal-L.S. 425.08 u liema ksur jikkostitwixxi reat ta' xorta gravi skond id-dispozizzjonijiet tal-L.S. 425.08 u preċizament l-artikoli 3 u 4 tal-imsemmi Ordni;
4. U aktar talli naqsu milli jottemporaw ghall-obbligi taghhom taht ir-regolament 17(b) tal-L.S. 425.07 u dana fir-rigward ta' nuqqasijiet fl-immarkar tal-bastiment tas-sajd bl-isem u l-port ta' ritorn fuq il-poppa skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili;
5. U kif ukoll talli naqsu milli jottemporaw ghall-obbligi taghhom taht ir-regolament 19(b) tal-L.S. 425.07 u dana fir-rigward ta' nuqqasijiet fl-immarkar ta' l-irkaptu bin-numru tal-bastiment moghti lilu mid-Dipartiment;

Lil Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar wahdu talli;

6. Naqas milli jottempora ghall-obbligi tieghu taht l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) 1224/2009 u dana fir-rigward ta' nuqqasijiet li jirrispetta l-kondizzjonijiet u r-restrizzjonijiet relatati mal-immarkar u l-identifikazzjoni tal-bastimenti tas-sajd u l-irkaptu tieghu mehtiega bl-istess dispozizzjoni, bi ksur tal-L.S. 425.08 u liema ksur jikkostitwixxi reat ta' xorta gravi skond id-dispozizzjonijiet tal-L.S. 425.08 u preċizament l-artikoli 3 u 4 tal-imsemmi Ordni;

7. U kif ukoll talli naqas milli jottempora ghall-obbligi tieghu taht l-artikolu 13 tal-Kap. 425 tal-Ligijiet ta' Malta u dana billi zamm jew halla li jinzamm abbord il-bastiment tas-sajd hut li ma kienx mittiehed skont liċenza tas-sajd provduta taht l-Att;

Lil Anthony Azzopardi, Mario Azzopardi u Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar talli;

8. Ghaddew dokumentazzjoni b'taghrif falz fir-rigward tal-kaptan prezenti abbord il-bastiment lid-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, tordna li kull hut li kien abbord l-bastiment tas-sajd Hannibal I li jinsab maqbud taht l-awtorita' tad-Direttur tas-sajd skond il-poteri taht il-Kap 425 ikun konfiskat favur il-Gvern u tal-Artikolu 35 tal-Kap. 425 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fir-rigward taz-zamma jew konfiska kif hemm dispost kif il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun li tordna u timponi.

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

**<u>Preliminari</u>**

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu rejati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew medium ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mill-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif

trid u tipprovdi kull rimedju li jidħlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li ma humiex prevvisti mill-Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

F'kull kaz pero, stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali, hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk huwa d-dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabbilita u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huma principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jgħogbuna jew ma jgħogbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-

imputati u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjonijiet prezentati lilha mill-Prosekuzzjoni.

**Oneru tal-Prosekuzzjoni**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri w dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt.*'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote*

*possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet - jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall- piena jew ghal xi provvediment iehor.

**Apprezzament tal-provi fl-assjem:**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Il-Qorti se tara jekk il-*fattispecie* tal-kaz jammontawx ghar-reati addebitati lill-imputati.

**Ligijiet applikabbli**

Il-Qorti se taghmel referenza ghal-Artikoli varji tal-Kap 425 l-**Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd** u Kap 226 **l-Att dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Zona Kontigwa** li huma relevanti ghal dan il-kaz.

Art 2 tal-Kap 425 jaghti dawn id-defenizzjonijiet:

"**bastiment tas-sajd**" tfisser kull bastiment ta' liema daqs ikun u li jitmexxa b'xi mod li jkun li fil-mument ikun qed jintuża għal ħidma ta' sajd jew għall-ipproċessar, ħażna jew ġarr ta' ħut jew għal xi ħidmiet (inkluż trasbord ta' ħut) anċillari għal dan, iżda ma tinkludi ebda bastiment użat għall-ġarr ta' ħut jew prodotti ta' ħut bħala parti mill-merkanzija ġenerali tiegħu;

"**bastiment tas-sajd lokali**" tfisser kull bastiment -

1. (*a*) li jkun proprjetà ta' persuna waħda jew iżjed li ordinarjament jirrisjedu f'Malta, jew
2. (*b*) li jkun għal kollox proprjetà ta' kumpannija, soċjetà jew assoċjazzjoni ta' persuni nkorporata jew stabbilita skont il-liġijiet ta' Malta u kontrollata minn persuna waħda jew iżjed li ordinarjament jirrisjedu f'Malta;

"**ibħra interni**" tfisser dawk l-ibħra li jmissu fuq in-naħa tax- xtajta tal-linji bażi li minnhom jitkejlu l-ibħra territorjali ta' Malta;

"**ibħra tas-sajd**" tfisser l-ibħra tas-sajd ta' Malta kif imfisser skont l-artikolu 3;

"**kaptan**" tfisser, dwar bastiment tas-sajd, il-persuna li fil-mument ikollha l-kmand jew tkun inkarigata mill-ħidma tas-sajd abbord il-bastiment;

L-istess ligi tipprovdi li l-ibħra tas-sajd ta' Malta jinkludu:

*(a) l-ibħra interni;*

*(b) l-ibħra territorjali hekk dikjarati skont l-artikolu 3(2) tal-Att dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa; u*

*(c) kull ibħra oħra li dwarhom bi proklama, liġi jew konvenzjoni li tkun fis-seħħ, jew li jkollha forza ta' liġi, f'Malta jkunu ġew dikjarati drittijiet sovrani għall-fini ta' esplorazzjoni u esplojtazzjoni, konservazzjoni u amministrazzjoni ta' riżorsi ħajjin f'dawk l-ibħra.*

Artikolu 3 tal-Kap 226 l-**Att dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa** jipprovdi hekk:

**3.** *(1) Ħlief kif hawnhekk izjed 'il quddiem provdut, il-wisa' tal-ibħra territorjali ta' Malta ser tkun tnax-il mil nawtiku mkejjel minn linji bażi determinati fuq il-metodu ta' linji bażi dritti miġburin bejn ponot xierqa li jinsabu fl-aktar post bogħod safejn il- baħar jisfa għal kollox, kif imfisser bil-punti ġeografiċi fl-Iskeda.*

*(2) Għall-finijiet tal-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd u ta' kull ligi oħra li għandha x'taqsam*

*mas-sajd, sew jekk tkun saret qabel jew wara dan l-Att, l-ibħra territorjali ta' Malta għandhom, biex jiġu eżerċitati d-drittijiet sovrani bil-għan li jiġu esplorati u esplojtati, konservati u maniġġati fihom ir-riżorsi naturali li jgħixu u, jew li ma jgħixux, jestendu sa wisa ta ħamsa u għoxrin mil nawtiku 'l barra mil-linji bażi li minnhom jitkejjel il-wisa' tal-ibħra territorjali, u, għall- finijiet ta' dak li ntqal qabel, il-ġurisdizzjoni testendi sa hemmhekk.*

Fil-waqt li Artikolu 8 tal-**Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd** jispjega liema huma l-kundizzjonijiet biex wieħed jista' juża bastiment tas-sajd lokali ghal sajd kummercjali:

***8.*** *(1) Ebda bastiment tas-sajd lokali ma jista' jintuża għal sajd kummerċjali -*

*(a) fl-ibħra tas-sajd, jew*

*(b) f'xi area barra l-ibħra tas-sajd li biex tistad fiha tkun*

*meħtieġa liċenza jew permess skont dan l-Att,*

*kemm-il darba ma jkunx reġistrat fir-registru ta' bastimenti tas-sajd skont l-artikolu 7 u kemm-il darba ma jkunx awtorizzat li hekk jistad skont liċenza jew permess mogħtija skont dan l-Att.*

*(2) Meta bastiment tas-sajd lokali jintuża bi ksur tas- subartikolu (1), il-kaptan, is-sid u min jikrih ikunu ħatja, kull wieħed minnhom, ta' reat u jistgħu jeħlu, meta jinstabu ħatja, multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) iżda mhux iżjed minn tmienja u ħamsin elf u mitejn u*

*erbgħa u tletin euro u tlieta u tletin ċentezmu (58,234.33) kull wieħed.*

Il-ligi tipprovdi dwar min ghandu, jista' jkollu u l-kundizzjonijiet tal-licenzja tas-sajd:

**12.** *(1) Licenzja tas-sajd għandha tingħata lill-kaptan, lis-sid jew lill-kerrej dwar bastiment tas-sajd specifikat.*

*(2) Il-ħrug ta' kull liċenza tas-sajd tkun fid-diskrezzjoni tad- Direttur li jista' jawtorizza, jew is-sajd b'mod ġenerali, jew għal skopijiet ta' konservazzjoni, jista' jagħti awtorità limitata bil- miktub b'riferenza b'mod partikolari għal -*

*(a) area li fiha s-sajd ikun awtorizzat;*

*(b) il-perijodi, iż-żminijiet jew vjaġġi partikolari li matulhom is-sajd ikun awtorizzat;*

*(c) id-deskrizzjonijiet, kwantitajiet, daqs u preżentazzjoni ta' ħut li jista' jittieħed;*

*(d) il-mod tas-sajd.*

*(3) jew suggetta għal dawk il-kondizzjonijiet li fil-fehma tad-Direttur ikunu meħtieġa jew neċessarji biex ikun regolarizzat is-sajd fil- baħar, jew il-konservazzjoni jew l-amministrazzjoni tas-sajd fl- ibħra tas-sajd u b'mod partikolari liċenza jista' jkollha, bla ħsara għall-ġeneralità tal-imsemmija kondizzjonijiet, kondizzjonijiet dwar -*

*(a) it-tnizzil fuq l-art ta' ħut taħt l-awtorità tad-detentur tal-liċenza;*

*(b) l-immarkar tal-bastiment tas-sajd liċenzjat;*

*(ċ) ir-reġistrazzjoni tal-ħidmiet tas-sajd li għandhom jinżammu abbord il-bastiment tas-sajd liċenzjat;*

*(d) it-tagħmir ta' navigazzjoni u l-mapep li għandhom jinġarru abbord il-bastiment tas-sajd liċenzjat; u*

*(e) il-post jew il-postijiet fejn bastiment tas-sajd liċenzjat jista' jittrasborda l-ħut;*

*u jekk il-kaptan u s-sid jew il-kerrej tal-bastiment tas-sajd jiksru xi waħda mill-kondizzjonijiet preskritti fil-liċenza, dan ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinstab ħati, multa ta' mhux anqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċentezmu (2,329.37) iżda mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf u mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċentezmu (23,293.73).*

Artikolu 13 jghid li**:**

*Kaptan ma jistax, abbord bastiment tas-sajd, fl-ibħra tas- sajd, iżomm jew iħalli li jinżamm ħut li ma jkunx ittieħed skont liċenza tas-sajd provduta skont dan l-Att jew f'ammont li jiskorri dak li jippermettu r-regolamenti għall-protezzjoni ta' stocks ta' ħut.*

Filwaqt li Artikolu 14 jipprovdi li:

**14.** *(1) F'kull żmien meta bastiment tas-sajd ikun qiegħed f'area tal-ibħra tas-sajd jew, jekk ikun bastiment tas-sajd lokali, wkoll f'xi area barra l-ibħra tas-sajd u jew -*

*(a) ikun projbit b'dan l-Att li jistad f'dik l-area; jew*

*(b) bil-liċenza tas-sajd jew xort'oħra jkun permess li jistad biss għal ċerti speċi jew deskrizzjonijiet ta' ħut f'dik l-area, f'dak il-każ, it-*

*tagħmir tas-sajd tiegħu jew dik il-parti mit-tagħmir li ma tkunx meħtieġa għas-sajd permess, għandhom ikunu stivati b'dak il-mod li ma jkunux għal-lest li jintużaw għas-sajd jew stivati b'dak il-mod l-ieħor li jista' jkun preskritt.*

*(2) F'każ ta' ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu -*

*(a) il-kaptan tal-bastiment jeħel, meta jinstab ħati, multa ta' mhux inqas minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75) iżda mhux iżjed minn tmienja u ħamsin elf u mitejn u erbgħa u tletin euro u tlieta u tletin ċenteżmu (58,234.33); u*

*(b) il-Qorti li timponi l-multa tista' tordna l-konfiska ta' kull tagħmir tas-sajd li jkun jinsab jew li jkun użat minn xi persuna fuq il-bastiment jew meħud minn xi persuna oħra mill-bastiment.*

Dwar it-tfixkil lill-ufficjali ghat-tharis tas-sajd u dwar taghrif falz li jista' jinghata, Artikolu 29 jelenka:

***29.****(1) Kull persuna li -*

*(a) taħbat għal, tirrezisti jew volontarjament tfixkel lil, uffiċjal għat-tħaris tas-sajd fit-twettiq tas-setgħat tiegħu skont dan l-Att;*

*(b) tirrifjuta jew tittraskura li tħares xi ordni, rekwiżizzjoni jew direzzjoni leġittimament mogħtija jew magħmula skont dan l-Att;*

*(c) mingħajr raġuni xierqa tonqos li -*

*(i) twieġeb għal xi mistoqsija magħmula minn uffiċjal għat-tħaris tas-sajd; jew*

*(ii) tipproduċi xi ħaġa li tkun meħtieġa tipproduċi, skont dan l-Att;*

*(d) ma tħallix li ssir tfittxija jew spezzjoni skont dan l-Att; jew*

*(e) ma tħallix jew tipprova ma tħallix lil xi persuna oħra milli tħares dawk l-ordnijiet, rekwiżizzjonijiet jew direzzjonijiet jew milli twieġeb għal dawk il- mistoqsijiet, jew milli tipproduċi xi ħaġa jew milli tħalli li ssir tfittxija jew spezzjoni,*

*tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn ħamest elef u tmien mija u tlieta u għoxrin euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (5,823.43).*

*(2) Kull persuna li -*

*(a) sabiex tikseb xi liċenza, permess jew reġistrazzjoni fir- reġistru ta' bastimenti tas-sajd; jew*

*(b) sabiex turi li qed tħares ħtieġa biex tagħti xi tagħrif skont dan l-Att,*

*tagħti tagħrif li tkun taf li hu falz f'xi punt materjali jew li bi traskuraġni tagħti tagħrif li jkun falz f'xi punt materjali, tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċentezimu (465.87) iżda mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċentezimu (2,329.37).*

Finalment Artikolu 29 A jelenka restrizzjonijiet dwar l-uzu tal-bastiment mhux skont il-licenzja:

> ***29A.*** *(1) Id-detentur ta' liċenza u, jew kaptan ta' bastiment m'għandux jagħmel użu mill-imsemmi bastiment b'konnessjoni ma' xi sengħa, negozju jew sejħa, kemm f'ibħra Maltin li jkunu territorjali jew interni, kemm barra mill-ibħra Maltin territorjali jew interni, għall-iskop li titwettaq xi sengħa, negozju jew sejħa li għaliha l-imsemmi bastiment ma jkollux liċenza.*

**<u>Legislazzjoni Sussidjarja 425.07</u>**

Il-Legislazzjoni Sussidjarja 425.07 titratta r-**Regolamenti dwar il-Bastimenti tas-Sajd.**

Artikolu 6 jispjega kif:

> *(a) Dawk il-bastimenti li jitolbu li jiddaħħlu fir-Reġistru ta' Bastimenti tas-Sajd għall-ewwel darba għandhom ikunu preżenti fil-port tar-reġistrazzjoni sabiex ikunu jistgħu jsirulhom l-ispezzjonijiet neċessarji.*
>
> *(b) Qabel kull tiġdid tar-reġistrazzjoni u tal-liċenza tas- sajd li jkollu, il-bastiment tas-sajd u l-irkaptu tiegħu għandhom jiġu spezzjonati, u l-ispejjeż li jsiru għal dan l-għan għandhom ikunu kollha għall-kariku tas- sid, noleġġatur u, jew kaptan tal-bastiment meta dawn isiru ġo xi port barra minn Malta.*

Artikolu 14 jispjega x'apparat tas-sigurta' ghandu jkun hemm abbord, Artikolu 17 u 18 jitkellmu dwar l-immarkar li ghandu jkollu l-bastiment:

*14(a) Id-dgħajjes kollha tas-sajd, waqt li jkunu qed jintużaw, għandu jkollhom apparat tas-sigurtà skond l-Iskeda V li għandu wkoll ikun konformi ma' kull regolament ieħor li joħroġ mill-awtoritajiet kompetenti minn żmien għal żmien.*

*(b) Is-sid ta' bastiment għandu jissodisfa lid-Direttur li l- bastiment ikun tajjeb biex ibaħħar u li l-makkinarju u l-irkaptu tiegħu, jekk dan ikollu, ikunu tajbin għall- iskop li l-bastiment jintuża għalih u jiġu ċertifikati bħala tali minn surveyor tal-bastimenti li jiġi maħtur skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 367 ta' l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili.*

*17(a) In-numru uffiċjali ta' bastimenti tas-sajd li jkollhom tul ta' sitt metri jew iżjed u li jkunu reġistrati taħt l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, u n-numru li juri t- tunnellaġġ reġistrat tagħhom, għandhom ikunu inċiżi fuq ġewwa tal-prim tagħhom.*

*(b) L-isem u l-port ta' ritorn ta' bastimenti li jkun twil sitt metri jew iżjed reġistrat taħt l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili għandhom ikunu mmarkati fuq il-poppa b'ittri ta' kulur li jispikka fuq il-kulur ta' l-isfond tal- bastiment skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili.*

*18. (a)Kull bastiment għandu juri n-numru mogħti lilu mid-Dipartiment fuq iż-żewġ naħat tal-pruwa. Il-kulur ta' dawn in-numri għandu jkun jispikka fuq il-kulur ta' l-Bastimenti sa sitt metri twal għandhom juru numru li mill-inqas ikun ta' 10ċm għoli u 2ċm wisa'.*

*(b) Il-bastimenti iżjed minn sitt metri twal imma inqas minn għaxar metri għandhom iwaħħlu numri ta' 20ċm għoli u 3ċm wisa'.*

*(c) Il-bastimenti izjed minn għaxar metri twal imma inqas minn sbatax-il metru għandhom iwaħħlu numri ta' 25ċm għoli u 4ċm wisa'.*

*(e) Il-bastimenti izjed minn sbatax-il metru twal għandhom iwaħħlu numri ta' mill-anqas 45ċm għoli u 6ċm wisa'.*

Artikolu 22 jitkellem dwar il-pieni li hemm ghal min jikser xi wahda jew aktar minn dawn id-disposizzjonijiet:

*Persuna li tikser xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux inqas minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċentezmu (€1,164.69) u mhux izjed minn ħamest elef u tmien mija u tlieta u għoxrin euro u tlieta u erbgħin ċentezmu (€5,823.43) għal kull kontravenzjoni.*

**<u>Legislazzjoni Sussidjarja 425.08</u>**

Il-Legislazzjoni Sussidjarja 425.08 hija Ordni dwar l-infurzar ta' Kontravenzjonijiet dwar sajd fuq il-Bahar.

Artikolu 2 jipprovdi li:

"**sajd mhux irrapportat**" tfisser attivitajiet ta' sajd:

*(a) li ma jkunux ġew irrapportati, jew ikunu ġew irrapportati ħażin, lill-awtorità nazzjonali rilevanti, bi ksur tal-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali; jew*

*(b) li jkunu ġew imwettqa fiż-żona ta' kompetenza ta' xi organizzazzjoni reġjonali rilevanti tal-ġestjoni tas-sajd u li ma jkunux*

*ġew irrapportati, jew ikunu ġew irrapportati ħażin, bi ksur tal-proċeduri ta' rapportar ta' dik l-organizzazzjoni;*

Artikolu 4 jitkellem dwar il-pieni li hemm ghal min jikser xi wahda jew aktar minn dawn id-disposizzjonijiet li jipprovdu ghalihom il-Konvenzjonijiet li huma elenkati fl-**iSkeda Regolament 3 Lista ta' Kontravenzjonijiet**:

*4( 6) Kull persuna li tinstab ħatja li wettqet, jew tinstab responsabbli għat-twettiq ta', reat li mhuwiex ta' xorta gravi skont il-konvenzjoni li minnha joriġina r-reat, meta ma jkunu nkisbu l- ebda prodotti tas-sajd permezz tar-reat, teħel multa ta' mhux inqas minn ħamsin euro (€50) u mhux iktar minn elf euro (€1,000). Meta jkun qed jiġi stabbilit l-ammont tal-multa li għandha titħallas, għandha tkun meqjusa l-ħsara li saret lir-riżorsi tas-sajd u l-ambjent marittimu, iċ-ċirkostanzi ekonomiċi tal-persuna li tinstab ħatja, kif ukoll jekk ir-reat kienx ripetut:*

*Iżda wkoll, għall-finijiet ta' dan l-Ordni, reat għandu jitqies*

*li huwa ta'* ***xorta gravi*** *meta:*

*(a) l-kaptan jew is-sid tal-bastiment tas-sajd ikun instab ħati tal-istess reat għat-tieni darba jew għal darb'oħra; jew*

*(b) l-bastiment tas-sajd hu mingħajr liċenza valida maħruġa skont l-Att; jew*

*(c) l-bastiment tas-sajd hu mingħajr awtorizzazzjoni u, jew permess validi kif meħtieġ skont l-Att; jew*

*(d) ir-rapporti meħtieġa dwar il-qabda kienu intenzjonalment mhux kompleti u, jew żbaljati*

*(e) in-notifiki meħtiega ma ġewx trasmessi; jew*

*(f) l-kaptan jew is-sid tal-bastiment tas-sajd stad f'żona magħluqa; jew*

*(g) il-kaptan jew is-sid tal-bastiment tas-sajd stad matul staġun magħluq; jew*

*(h) il-kaptan jew is-sid tal-bastiment tas-sajd stad mingħajr ma kiseb il-kwota għall-bastiment jew lil hinn mill-kwota mogħtija lill-bastiment skont l-Att; jew*

*(i) il-kaptan jew is-sid tal-bastiment tas-sajd stad lil hinn minn qiegħ tal-baħar magħluq; jew*

*(j) l-kaptan jew is-sid tal-bastiment tas-sajd kien involut f'sajd imriegi għal stokk li jkun soġġett għal moratorju jew li s-sajd tiegħu jkun projbit; jew*

*(k) hemm raġunijiet fondati biex tikkonkludi li l-kaptan jew is-sid tal-bastiment tas-sajd użа tagħmir tas-sajd ipprojbit jew mhux konformi; jew*

*(l) il-kaptan jew is-sid tal-bastiment tas-sajd iffalsifika jew intenzjonalment ħeba l-marki, l-identità jew ir- reġistrazzjoni tiegħu; jew*

*(m) il-kaptan jew is-sid tal-bastiment tas-sajd ħeba, bagħbas u, jew elimina prova li għandha x'taqsam ma' xi investigazzjoni; jew*

*(n) il-kaptan jew is-sid tal-bastiment tas-sajd ostakola l- ħidma tal-uffiċjali tas-sajd jew ta' xi awtorità oħra kompetenti; jew*

*(o) il-kaptan jew is-sid tal-bastiment tas-sajd għabba abbord, ittrasborda jew żbarka ħut taħt id-daqs; jew*

*(p) il-kaptan jew is-sid tal-bastiment tas-sajd ittrasborda jew ipparteċipa f 'operazzjonijiet konġunti tas-sajd oħra ma', appoġġa jew iffornixxa*

*mill-ġdid, bastimenti tas-sajd li jkunu ġew identifikati li kienu involuti f'sajd IUU; jew*

*(q) il-kaptan jew is-sid tal-bastiment tas-sajd wettaq attivitajiet ta' sajd fiż-żona ta' organizzazzjoni reġjonali ta' ġestjoni tas-sajd b'mod inkonsistenti ma', jew bi ksur ta', il-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni ta' dik l-organizzazzjoni u jkun taħt bandiera ta' Stat li mhuwiex parti f'dik l-organizzazzjoni, jew li ma jikkoperax ma' dik l-organizzazzjoni kif stabbilit minn dik l-organizzazzjoni; jew*

*(r) il-bastiment tas-sajd m'għandu l-ebda nazzjonalità u għaldaqstant ikun bastiment mingħajr nazzjonalità, skont id-dritt internazzjonali; jew*

*(s) il-kaptan jew is-sid tal-bastiment naqas milli jittrasmetti id-dikjarazzjoni ta' żbark jew in-nota tal- bejgħ meta l-iżbark tal-qabda jkun sar fil-port ta' pajjiż terz; jew*

*(t) il-kaptan jew is-sid tal-bastiment tas-sajd bagħbas il- magna bil-għan li tiżdied il-qawwa tagħha 'l fuq mill- qawwa massima kontinwa tal-qawwa tal-magna skont iċ-ċertifikat tal-magna; jew*

*(u) il-kaptan jew is-sid tal-bastiment tas-sajd naqas milli jiżbarka kwalunkwe speċi soġġetta għal kwota maqbuda matul operazzjoni tas-sajd.*

**Eccezzjoni tad-difiza dwar l-imputati Mario u Anthony Azzopardi**

Qabel il-Qorti taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet li gew addebitati lill-imputati, ser tiddeciedi l-eccezzjoni mqajjma mid-difiza dwar l-imputati Mario Azzopardi u Anthony Azzopardi.

Il-Qorti tinnota li s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

> *"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. Ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mharrka tonqos li tidher, hija tigi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat."*

Illi minn qari akkurat tat-tahrika mahruga fil-konfront tal-imputati Mario Azzopardi u Anthony Azzopardi jirrizulta illi l-partikolarijiet taghhom gew indikati korrettament sabiex b'hekk ma hemm l-ebda dubbju dwar l-identita taghhom. Lanqas ma hemm dubbju dwar in-natura tar-reat li jinsabu akkuzati bih fl-imsemmija tahrika. Jirrizulta izda illi dawn ir-reat ma gewx addebitati lilhom bhala rapprezentanti ta' korp guridiku u cioe' tas-socjeta Hannibal Fishing Limited [C29898].

Dan ifisser allura illi ir-responsabbilta' kriminali hija wahda personali u mhux wahda rapprezentattiva jew nomine kif inhi fil-kamp civili.

Ghalhekk ma hemmx ghalfejn li l-imputati jigu iccitati fil-vesti ta' direttur jew in rapprezentanza ta' xi socjeta' kummercjali. Bizzejjed li jigi citat b' mod car ghal dak li jirrigwarda l-konnotati taghhom personali w li **<u>mill-korp tal-akkuza</u>** jkun jidher car li qed jigu mharrka jew akkuzati minnhabba r-responsabbilta' vikarja taghhom bhala ufficjali/diretturi tal-korp. Dak li irid jirrizulta mill-provi, izda hu li fil-fatt huma kienu id-diretturi, jew ufficjali tal-korp bhal ma hija socjeta' kummercjali li tiggestixxi l-propjeta li biha jkun sar ir-reat u li huma allura qed jigu akkuzati ghal din ir-raguni.

Illi, referenza sejra ssir ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Pillow**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Novembru 2011, fejn inghad is-segwenti:

> *"Ghar-rigward tat-**tieni aggravju**, il-frazi "bhala Managing Director Pillow Frames Ltd." tinsab fost id-dettalji li inghataw tal-imputat bhala indikazzjoni li r-responsabilita' penali attribwita lilu hija wahda vikarja in kwantu li qieghed jigi ritenut responsabbli kriminalment ghall-eghmil ta' haddiehor u cioé in kwantu direttur ta' socjeta' kummercjali.*[1] *Kif gja gie ritenut minn din il-Qorti diversi drabi f'cirkostanzi bhal dawn ma kienx hemm ebda htiega li fic-citazzjoni jinghad espressament li huwa kien qed jigi imharrek fil-vesti tieghu ta'*

[1] Il-Kodici Kriminali llum jipprevedi r-responsabilita' kriminali diretta ta' korp inkorporat ghal certi reati specifici (Ara Artikolu 121D, 82E, 208B(3), 248E(3), 310(A), 328J(1), 337H(1) tal-Kodici Kriminali).

*direttur, jew manager ecc. tal-kumpanija peress li r-responsabilita' vikarja f'kazijiet bhal dawn iggib ir-responsabilita' personali u individwali ta' dak li jkun ghan-nuqqasijiet tas-socjeta'*[2]. *F'kazijiet bhal dawn ic-citazzjoni hi gja kompluta u valida jekk issejjah biss lid-direttur jew ufficjal iehor skont il-ligi anki minghajr riferenza ghas-socjeta' in kwistjoni. Ghalhekk, l-izball fl-isem tas-socjeta' li taghha l-imputat kien direttur ma jimporta ebda konsegwenza legali fuq dak li bih gie imputat l-appellant u cioe' responsabilita' vikaria ghall-eghmil ta' socjeta' li taghha kien direttur. Ic-citazzjoni, kif ripetutament ritenut minn din il-Qorti, hi semplicement avviso a comparire u hu bizzejjed li jkun fiha dettalji ta' zmien, post, hin u partikolaritajiet tal-imputat biex hu jkun jista' jifhem ta' xhiex qed jigi akkuzat.*[3] *Fil-kaz ta' llum ic-citazzjoni hi konformi ma' dak rikjest bl-Artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali u d-dettal, mhux mehtieg, tas-socjeta' li taghha kien direttur l-imputat ma zzid jew tnaqqas xejn mill-validita' tac-citazzjoni. L-appellant kien jaf ben tajjeb li kienet qieghdha tigi imputata lilu responsabilita' vikaria in virtu' tal-kwalita' tieghu ta' direttur ta' socjeta' kummercjali*[4]. *Kien jaf ben tajjeb, kif jirrizulta mir-rikors tal-appell stess tieghu, ta' liema socjeta' huwa kien direttur fiz-zmien relevanti, u di fatti f'din l-istanza anki pprezenta prova li huwa -- u kien, fiz-zmien relevanti -- id-direttur uniku tas-socjeta' relevanti. Ghalhekk, dan l-aggravju wkoll qieghed jigi respint".*

Illi dak li nghad f'din is-sentenza jista' jigi applikat ukoll *mutatis mutandis* ghall-fatt li fic-citazzjoni gew indikati l-kliem li gew kwotati

---

[2] Ara Appelli Inferjuri: **Pulizija vs. Joseph Bonnici**, 26/5/1995; **Pulizija vs. Carmel Camilleri**, 5/11/2004; **Pulizija vs. Joseph Vella**, 2/2/2006.
[3] Ara *inter alia* Appell Inferjuri: **Pulizija vs. Joseph Vella**, *supra*.
[4] Ara Artikolu 13 tal-Kapitolu 249.

aktar il-fuq u b'hekk ic-citazzjoni kontra l-imputat tista' xorta wahda titqies bhala wahda valida.

Illi dwar ir-responsabbilta vikarja jitkellem l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi:

*"Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-egħmil tar-reat, kienet* ***direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili*** *tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat."* (enfasi tal-Qorti)

Kif gie ritenut mill-Qorti Appell Kriminali (Onor. Prim' Imhallef Emeritus Dr. V. De Gaetano) fl-kaz "**Il-Pulizija vs. Joseph Bonnici** [26.5.1995]:-

*"Meta persuna tigi biex twiegeb ghar-reat kommess minn ghaqda jew korp ta' persuni in forza ta' l-artikolu 322 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija jew in forza ta' l-artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni [Kap.249], it-tahrika ghandha tohrog kontra d-direttur, manager, ecc. f' ismu personalment, fis-sens li hu personalment irid iwiegeb ghall-akkuza, u f' kaz ta' sejbien ta' htija u imposizzjoni ta' piena, tali*

*piena, sia jekk pekunjarja sia jekk restrittiva tal-liberta' personali, tigi inflitta fuqu u tigi skontata minnu."*

**Izda**:

*"….meta l-prosekuzzjoni tkun qed tipotizza, kontra tali direttur, manager jew segretarju, reat kommess minn ghaqda jew korp, u li ghalih hu jrid iwiegeb personalment,* ***fl-imputazzjoni jew fl-akkuza*** *– mhux fl-isem tal-imputat jew akkuzat, cioe' mhux fl-okkju tal-kawza –* ***ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi imsejjah biex iwiegeb ghal reat kommess mill-korp jew ghaqda: cioe' ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi mharrek jew akkuzat minhabba r-responsabilta' vikarja tieghu****. Jekk mhux ghal xi haga ohra, tali indkazzjoni hi mehtiega sabiex l-imputat jew l-akkuzat ikun jista' jipprepara d-difiza tieghu.*[5]*"*

Stabbiliti dawn il-principji ta' dritt in konnessjoni mar-responsabbilta' vikarja tal-imputati ghall-akkuzi dedotti fil-konfront taghhom, jirrizulta mill-provi akkwiziti li sa mill-mument li dan il-process penali kellu il-bidu tieghu permezz tar-rapport maghmul mid-Dipartiment tal-Sajd lill-pulizija illi l-bastiment kien il-proprjeta vestita f'idejn is-socjeta Hannibal Fishing Limited [C29898] li taghha kienu diretturi l-imputati Mario Azzopardi u Anthony Azzopardi. Illi allura il-fatt wahdu illi l-allegati reati saru fil-proprjeta li tappartjeni lis-socjeta Hannibal Fishing Limited

[5] App. Inf. Il-Pulizija vs Patrick Vella – deciza 31/08/2006

[C29898] ma jfissirx illi l-imputati Azzopardi kellhom iwiegbu ghall-akkuza addebitata bhala rapprezentanti tas-socjeta.

Jekk l-akkuza kellhiex tigi indirizzata fis-sens illi r-reat gie kommess minnhom personlament jew mill-korp guridiku li taghha huma ghandhom ir-rapprezentanza, kellha tirrizulta biss waqt s-smigh tal-provi kollha u ma jfissirx illi ghas-semplici raguni illi d-Dipartiment tal-Fisheries ghamel rapport fejn indika illi l-proprjeta fejn saru l-atti allegatament inkriminatorji tappartjeni lis-socjeta allura l-att gie kommess minn dan il-korp guridiku billi mill-ftit provi li hemm fl-atti johrog illi ma kienux huma qed jezegwixxi l-hidma fuq il-bahar fuq istruzzjonijiet taghhom dak li kellhom jaghmlu.

Stabbilit ghalhekk illi l-imputati Azzopardi gew imharrka tajjeb fic-citazzjoni u stabbilit ukoll illi kellu jirrizulta biss mill-provi jekk ir-reat giex kommess mill-korp guridiku jew mill-imputati personalment.

Fis-sentenza ricenti moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali mill-Imhallef Edwina Grima fil-kaz Il-**Pulizija vs Paul Camilleri** u Josephine Camilleri deciza fit-30 ta' Gunju 2016 intqal li "mill-korp tal-akkuza jrid ikun jidher car li qed jigu mharrka jew akkuzati minhabba resposabilta' vikarja taghhom bhala ufficjali/diretturi tal-Korp."

Mill-provi li ngabu mill-prosekuzzjoni, Mario Azzopardi u Anthony Azzopardi akkuzati kif inhuma fil-vesti personali taghhom ma jistghu qatt jinstabu hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontrihom propju ghaliex dawn huma imputazzjonijiet illi kellhom jinghataw fil-konfront taghhom mhux fil-vesti personali taghhom izda fil-vesti ta' diretturi ta' dik il-kumpanija li hija s-sid tal-bastiment.

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Mario Azzopardi u Anthony Azzopardi  u rat ukoll il-*letter to prosecute* tad-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura li tinsab esebita a fol 10 tal-process datata 19 ta' Awwissu 2016 fejn f'din l-ittra hemm *"li r-reati identifikati f'din id-denunzja sehhew permezz tal-bastiment Hannibal 1, li jtajjar bandiera Maltija u li ghandu n-numru ta' registrazzjoni MFA7297 fir-Registru tal-Bastiment tas-Sajd lokali.  Ghal mhedda taz-zmien involutra l-bastiment kien ta ' propjeta' tas-socjeta' kummercjali Hannibal fishing Ltd. (C29898)."*

F'dawn il-proceduri ma ngabx rappreżentant tar-Reġistratur tal-Kumpaniji biex jesibixxi l-*memorandum* u l-*articles of association* ta' Hannibal Fishing Limited [C29898] u b'hekk ikunu stabiliti min huma d-Diretturi  tas-Socjeta'.

Il-Qorti ma tistax issib hatja lill-imputati Mario Azzopardi u Anthony Azzopardi tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u ghaldaqstant se jkunu liberati.

**<u>L-ewwel (1) imputazzjoni</u>**

**Ma kienx awtorizzat li jkun il-Kaptan**

Il-prosekuzzjoni ssostni li Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar ma kienx awtorizzat taht dispozizzjonijiet relevanti tal-ligi biex ikun kaptan bi ksur tal-artiklu 12 tal-Kap 425.  Huwa stat ta' fatt illi dan kellu applikazzjoni pendenti u kien digà rikonoxxut mid-Dipartiment fis-sena ta' qabel bhala kaptan. Din l-applikazzjoni giet ipprocessata wara l-gurnata tas-sbatax (17) ta' Awwissu. Artikolu u 12 tal-Kap 425 jghid illi

*"Licenzja tas-sajd għandha tingħata lill-kaptan, lis-sid jew lill-kerrej dwar bastiment tas-sajd specifikat."* Fid-definizzjoni ta' kaptan nsibu fl-artiklu 2 illi l-kaptan huwa *"il-persuna li fil-mument ikollha l-kmand jew tkun inkarigata mill-ħidma tas-sajd abbord il-bastiment".*

Mill-crew list jirrizulta li Mohamed Elnaggar kien indikat bhala kaptan. Però x'inhuma l-kundizzjonijiet marbuta ma' dik il-licenzja illi jekk inti ma tosservahomx ikollok ksur tal-artiklu 12?

Il-kundizzjonijiet huma elenkati fl-artiklu 12(3):

> *"(a) it-tnizzil fuq l-art ta' ħut taħt l-awtorità tad-detentur tal-liċenza; (b) l-immarkar tal-bastiment tas-sajd liċenzjat; (c) ir-reġistrazzjoni tal-ħidmiet tas-sajd li għandhom jinżammu abbord il-bastiment tas-sajd liċenzjat; (d) it-tagħmir ta' navigazzjoni u l-mapep li għandhom jinġarru abbord il-bastiment tas-sajd liċenzjat; u (e) il-post jew il-postijiet fejn bastiment tas-sajd liċenzjat jista' jittrasborda l-ħut"*

Jekk il-kaptan ma josservax dawn il-kondizzjonijiet li hawn imnizzla fl-artiklu 12(3) allura jiskatta l-ksur tal-ligi, tiskatta l-ksur tad-dispozizzjoni illi hemm stipulata f'dan l-artiklu. Din l-imputazzjoni "illi inti nqast li tosserva il-kundizzjonijiet tal-artiklu 12," jekk taqra l-artiklu 12 tal-Kap 425, tara x'inhuma dawk il-kundizzjonijiet illi hemm imnizzla u illi jekk ma tosservahomx tiskatta r-reita taht l-artiklu 12(3). Meta tara il-lista ta' kundizzjonijiet tara illi l-fatt illi inti ghandek kaptan li ma kienx awtorizzat li jkun kaptan ma jaqax taht wahda minn dawk il-kundizzjonijiet imsemmijia fl-artiklu 12. U allura din l-ewwel imputazzjoni fil-konfront ta' Mohamed Elnaggar ma tistax tirrizulta ghax ksur tal-artiklu 12(3) effettivament ma hemmx.

Il-Prosekuzzjoni qieghda tabbinha mal-fatt li kien kaptan tal-bastiment tas-sajd meta ma kienx awtorizzat. Jista' jirrizultlek ksur taht dispozizzjoni ohra tal-istess Kap 425 jew ta' xi legislazzjoni sussidjarja ohra. Imma hawnhekk ghandna imputazzjoni specifika. L-imputazzjoni hi illi qed isir ksur tal-artiklu 12 tal-Kap 425. Intenni u nirrepeti meta wiehed jara dak illi qed jghid l-artiklu 12(3). Ksur ta' din id-dispozizzjoni ma hemmx u allura Mohamed Elnaggar ta' din l-ewwel imputazzjoni ma jistax jinstab hati.

**<u>It-tieni imputazzjoni</u>**
**Ma kellux licenzja abbord**

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-licenzja ma kinetx abbord il-bastiment u ghalhekk ha tinstab htija dwar din l-imputazzjoni.

**<u>Is-sitt (6) imputazzjoni</u>**
**(Regolamenti 3 u 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 425.08)**
**(Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1224/2009):**

Illi fost l-artikoli li wiehed isib fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1224/2009 jiddisponi l-irkaptu fuq bastimenti tas-sajd.

Il-Qorti jirrizultalha li effettivament l-immarkar u l-irkaptu ma kienx kif suppost u ghaldaqsant il-Qorti jirrizultalha li sitt (6) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**<u>Is-seba' (7) imputazzjoni</u>**

**Zamm jew halla li jinzamm abbord hut li ma kienx mittiehed skont licenzja tas-sajd.**

Il-Qorti mill-provi migjuba ma tistax issib hati lill-imputat Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar ta' din l-imputazzjoni minhabba li l-ingredjenti, l-elementi li jsawwru dan ir-reat huma neqsin

**<u>It-tmien (8) imputazzjoni</u>**

**Ghadda dokumentazzjoni b'taghrif falz**

Illi ghar-rigward tar-reat tal-falsifikazjoni, il-ligi taghna tikkontempla diversi forom ta' falz f'dokumenti pubblici u skritturi privati. Fil-fatt il-ligi taghna taghmel anke distinzjoni bejn il-falz ideologiku u il-falz materjali. Kif gie ritenut f'diversi sentenzi moghtija mill-qrati taghna fosthom f'sentenza mogthija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Paul Galea** deciza 17 October 1997:

> *"Id-differenza bejn il-falz materjali u il-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe' fil-kontenut tieghu, ikun hemm falsita materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin, mentri il-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e' veridico, perche colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero". Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita' jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew ta' volonta. S'intendi b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici,*

*izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' issir kemm bl-id, kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu imqar temporanjament il-messagg …".*

F'dan il-kaz meta wiehed jirreferi ghal-falz ideologiku lanqas ma jista jinghad li fil-*log book* taw informazzjoni qarrierqa fis-sens li *non e veridico perche colui che lo ho formato gli fi dire cose contrario al vero*.

Mill-atti jirrizulta li dan huwa dokument li ma gie prezentat lil hadd. Dan huwa dokument illi kien elevat mix-xhud Gilbert Balzan illi mar jaghmel din l-ispezzjoni. Il-prosekuzzjoni ma gabitx prova x'fih falz dan id-dokument u jekk jirrizulta li kien fih il-falz min wettaqha.

Fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Karl (Carmel) Azzopardi**, deciza fl-1 ta' Novembru, 2013 intqal li:

*"Skont l-artikolu 188 tal-Kap 9, m'hemmx ghalfejn id-dokument ikun falz. Skont dan l-artikolu huwa bizzejjed li wiehed jipprezenta dokument li jkollu taghrif qarrieqi. Jiggifieri, hawn m'hemmx bzonn li jinholoq dokument falz (ex novo) jew li dokument genwin (bhal, per ezempju xi certifikat tat-twelid*) *ikollu xi dettalji mibdulin. Xejn minn dan kollu. F'dan il-kaz huwa t-taghrif li kien fih id-dokument li kien falz";*

Dan ma jistax jinghad li gara f'dan il-kaz odjern li it-taghrif moghti lid-dipartiment tas-sajd kien wiehed mhux veritier jew falz.

**KONKLUZZJONIJIET**

Il-Qorti tistenna li jkun hemm aktar koordinazzjoni bejn il-Pulizija u d-Dipartiment tas-Sajd u Akwakultura meta jkun hemm kaz bhal dan u mhux jistennew lill-Qorti tipprova taghmel ix-xoghol li kellhom jaghmlu huma.

Il-Qorti kienet tistenna li f'kaz specjalizzat bhal dan id-Dipartiment ikollu prezenti fl-awla avukat li jispecjalizza f'dawn it-tip ta' reati u mhux ikollna prosekuzzjoni li s-sottomissjonijiet legali taghha jkunu biss il-qari tal-akkuzi u xejn aktar dwar l-ingredjenti li jsawwru r-reati u kif mill-provi li ngabu f'dan il-process il-qorti kellha ssib htija. Id-Dipartiment m'ghandux jippretendi li l-pulizija jkunu intizi dwar is-suggett daqshom meta ghandhom persuni specjalizzati fuq is-suggett.

Id-Dipartiment tas-Sajd u Akwakultura ghandu jara li qabel tinghata licenzja jew ikun hemm tigdid ta' licenzja ghall-bastimenti tas-sajd ghandhom isiru spezzjonijiet qabel jinhargu dawn u mhux wara kif tipprovdi l-istess ligi:

*(b) Is-sid ta' bastiment għandu jissodisfa lid-Direttur li l- bastiment ikun tajjeb biex ibaħħar u li l-makkinarju u l-irkaptu tiegħu, jekk dan ikollu, ikunu tajbin għall- iskop li l-bastiment jintużà għalih u jigù ċertifikati bħala tali minn surveyor tal-bastimenti li jigi maħtur skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 367 ta' l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili.*

*17(a) In-numru uffiċjali ta' bastimenti tas-sajd li jkollhom tul ta' sitt metri jew iżjed u li jkunu regiśtrati taħt l-Att dwar il-Bastimenti*

*Merkantili, u n-numru li juri t- tunnellaġġ reġistrat tagħhom, ghandhom ikunu inċiżi fuq ġewwa tal-prim tagħhom.*

*(b) L-isem u l-port ta' ritorn ta' bastimenti li jkun twil sitt metri jew izjed reġistrat taħt l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili għandhom ikunu mmarkati fuq il-poppa b'ittri ta' kulur li jispikka fuq il-kulur ta' l-isfond tal- bastiment skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili.*

*18. (a)Kull bastiment għandu juri n-numru mogħti lilu mid-Dipartiment fuq iż-żewġ naħat tal-pruwa. Il-kulur ta' dawn in-numri għandu jkun jispikka fuq il-kulur ta' l-Bastimenti sa sitt metri twal għandhom juru numru li mill-inqas ikun ta' 10ċm għoli u 2ċm wisa'.*

*(b) Il-bastimenti izjed minn sitt metri twal imma inqas minn għaxar metri għandhom iwaħħlu numri ta' 20ċm għoli u 3ċm wisa'.*

*(c) Il-bastimenti izjed minn għaxar metri twal imma inqas minn sbatax-il metru għandhom iwaħħlu numri ta' 25ċm għoli u 4ċm wisa'.*

*(e) Il-bastimenti izjed minn sbatax-il metru twal għandhom iwaħħlu numri ta' mill-anqas 45ċm għoli u 6ċm wisa'.*

Lanqas hu sewwa li jkunu kkwotati artikoli minn regolamenti tal-Unjoni Ewropea u imbaghad dawn l-istess regolamenti ma jkunux ipprezentati lill-Qorti biex tkun tista' tiddelibera dwarhom meta dan hu kaz li nstema' fs-seduta tad-distrett. Huwa disprezz lejn il-Qorti li wiehed jippretendi li toqghod tifli 79 pagna b'madwar 1185 decizjoni, direttiva jew regolament li hemm fi **Skeda Regolament 3 Lista ta' Kontravenzjonijiet** biex tiskopri fejn hu r-regolament li qieghed isostni d-Direttur tas-Sajd u Akwakultura li nkiser!

Il-Qorti zammet quddiem ghajnejha dak li tipprovdi l-ligi fejn meta tkun qeghda tiddeciedi *"ghandha tkun meqjusa l-hsara li saret lir-rizorsi tas-sajd u l-ambjent marittimu, ic-cirkostanzi ekonomici tal-persuna li tinstab hatja, kif ukoll jekk r-reat kienx repetut."*

Il-Qorti ma tqisx li l-imputazzjonijiet li Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar qieghed jinstab hati ghalihom huma ta' xorta gravi kif jipprovi Artikolu 6(a) sa (u).

**DECIDE:**

Wara li rat l-artikolu indikati mill-prosekuzzjoni ma ssibx lill-imputati Mario Azzopardi u Anthony Azzopardi hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u minnhom tilliberhom; ma ssibx lill-imputat Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar hati tal-ewwel (1), tas-seba' (7) u tat-tmien (8) imputazzjoni u minnhom tilliberah, u wara li rat artikolu artikolu 3(c) tal-L.S. 425.07 u Artikolu 8 tar-Regolament (KE) 1224/2009 u 17 (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta issibu hati tat-tieni (2) u s-sitt (6) imputazzjoni u tikkundannah multa komplessiva ta' tliet elef ewro (€3000).

Il-Qorti tinnota li m'huwiex il-kaz li jigi applikati l-poteri taht l-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni li tordna li kull hut li kien abbord l-bastiment tas-Sajd Hannibal 1 ikun konfiskat u tordna r-rilaxx tal-istess immedjatament.

Il-Qorti tordna r-rilaxx effettiv u finali tal-bastiment Hannibal 1 lis-sidien tieghu.

**Ft./DR JOSEPH MIFSUD**
**MAGISTRAT**

**Vera Kopja**

**Margaret De Battista**
**Deputat Registratur**